MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 497/2002/1

**Bugeja Saviour u Esther konjugi Bugeja**
**vs**
**Borg Philip**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li l-ewwel dehra tieghu kienet fid-9 ta' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) rapprezentanti somma flus li permezz taghha l-atturi kienu ordnaw numru ta' statwi tar-« resin » liema xogholijiet baqghu ma sarux mill-attur li ghalhekk ghandu jirrifondi l-ammont lilu mhallas ghal ta' xejn.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002, id-difensur tal-konvenut kien eccepixxa l-inkompetenza tat-Tribunal biex jiddeciedi din il-vertenza stante illi hawn si tratta ta' kawza bbazata fuq kuntratt ta' appalt,**

liema appalt mill-kuntratt innifsu jidher illi kien fl-ammont ta' elf u disa' mitt lira Maltija (Lm1900.00) ;
Illi ulterjorment qed jeccepixxi wkoll l-inkompetenza tat_Tribunal rationae materiae sabiex wiehed jiddeciedi dwar il-kuntratt ta' appalt ;
Illi l-ewwel nett irid jigi dikjarat rexiss l-istess kuntratt, qabel ma wiehed jidhol fi kwistjoni ta' rifuzjoni o meno tal-ammont mitlub ;

Sema' x-xhieda ta' Dr Anglu Farrugia, Saviour Bugeja u Philip Borg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

1. Illi l-fatt li kien hemm kuntratt ta' apppalt ma jipprekludix lil dan it-Tribunal milli jinvestiga il-kwistjoni. It-talba kif maghmula taqa' fil-paramentri tal-kompetenza tat-Tribunal.
2. L-attur jikkonferma li kienu hallsu s-somma mitluba lill-konvenut ghall-xoghol li kellu jezegwixxi, u li baqa' qatt ma ghamel.
3. Ghalhekk l-ammont ghandu jigi rifuz lill-atturi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum, u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------